MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 7/1995/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Alfred Balzan ghan-nom u bhala Direttur tas-Socjeta' Swift Investment and Trading Company Limited**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi b'ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru 1994, l-intimat noe gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim fejn gie nfurmat li l-kumepns li l-Awtoritra' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicc art f'Birkirkara tal-kejl ta' 4047 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq, min-Nofsinhar ta' Dawret Birkirkara u mill-Punent ma' proprjeta tal-Knisja ta' Birkirkara kif indikata bl-ahmar u bin numru 2 fuq il-pjanta LD 193B/90 huwa ta' elfejn u

erba’ u ghoxrin liri Maltin (Lm2,024) kif jidher fir-rapport tal-Perit O. Caruana Montalto A&CE tal-24 ta’ Jannar 1994 li kopja tieghu hija annessa ma’ l-istess Aviz ghall-Ftehim;

Illi b’ittra ufficjali tad-29 ta’ Dicembru 1994 l-ntimat noe fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert.

Illi b’cedola ta’ depozitu pprezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Frar 1994 gie depozitat il-kumpens hekk offert ta’ elfejn u erba’ u ghoxrin liri Maltin (Lm2,024), ghall-bicca art fuq deskritta, u dan ai terminu tal-artikolu 22 (4) tal-Kap 88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma jimpediex lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero’ r-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-Ligi;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-art fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).”

Ra l-ittra ufficcjali tal-intimati tad-29 ta’ Dicembru 1994 li permezz taghha, *inter alia,* irrifjutaw il-kumpens offert mill-Kummissarju tal-art;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Semgha l-provi;

Ikkonsidra:

Illi mill-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Lulju 1997, l-intimat informa lill-Bord li ma kienx ser jipprocedi kif qabel indikat, quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ghalhekk l-ilment saljenti tal-intimat huwa ravvizat fl-oggezzjoni tieghu ghas-somma offerta mir-rikorrenti.

Illi il-Bord kien assenja biex jassituh lill-Perti Arkitett Frederick H. Valentino u l-Perit Arkitett Joseph Mizzi u b'digret tat-8 ta' Novembru, 2007 dawn kienu sostitwiti mill-Perit Arkitett David Pace u l-Perit Arkitett Joseph Briffa li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom li tinsab annessa bhala formanti parti minn din is-sentenza, fejn fil-parti konklussiva taghha jinghad hekk:

Huma ikkonsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijijet ta' Malta), u partikolarment l-Artikoli 18 u 18A, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprejta ghandha tigi meqjusa bhala art agrikola, pero bil-bini fuqha. Inoltre billi l-Avviz ghal Ftehim inhareg fl-1994, l-istima trid issir a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Att fuq imsemmi qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tal-2006, u bhala rizultat huma jidrilhom illi l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' sittax-il elf u seba mitt lira maltin (Lm16,700) u cioe' tmienja u tletin elf u disa mitt ewro u hamsa u hamsin centezmu (Euro38,900.54);

Illi l-intimat ressaq provi biex juri li l-art inxtrat bi prezz hafna akbar minn dak offert mid-dipartiment kif ukoll mill-kumpens stabilit mill-periti membri (ara Dok a fol 85 u xheda ta' Alfred Balzan fol 99 et seq) izda ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u qed jiffissa l-valur ghall-esproprijú b' xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art f'Birkirkara, li qed tkun dikjarata agrikola bil-bini fuqha, tal-kejl ta' 4047 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq, min-Nofsinhar ta' Dawret Birkirkara u mill-Punent ma' proprjeta tal-Knisja ta' Birkirkara kif indikata bl-ahmar u bin numru 2 fuq il-pjanta LD 193B/90 fis-somma ta' tmienja u tletin elf u disa mitt ewro u hamsa u hamsin centezmu (Euro38,900.54) bl-imghax skond il-ligi. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-

ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord

ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------